# ĠIBTLEK BUKKETT ĠILJU

*Ta'* ĠUŻE' GALEA

Għaliex naf li tħobb il-ġilju
U li wisq titgħaxxaq bih
Ġibtlek ħodon mill-ġnien tiegħi
Għażilthulek hekk sabiħ.

Jien baqqejtu u saqqejtu,
U minn qalbi nagħtihulek
Rahan ta' għożża u ta' qima
Hekk sabiħ kif rabbejthulek.

Dan il-ġilju mela hu tiegħek
Ifraħ bih u ndukrah sewwa
La tħallihx jidbiel bla ilma
Biex fih tibqa' ssib il-ħlewwa.

Fwieħa u bjuda, xbieha safja,
Din hi surtek fil-moħħ tiegħi.
Jien irrid li matul ħajti
Inti timxi id f'id miegħi.

Ma' dal-ġilju jiena tajtek
L-aqwa għana ta' żgħużiti
Tajtek qalbi, tajtek ruħi
Tjassart miegħek sa xjuħiti.

Qormi — 1963.